# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Novembru 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 772/18 JVC**

**Francis Busuttil (K.I. Nru. 704450M)**

**vs**

**Mary mart Anthony Azzopardi (K.I. Nru. 490945M), Michael Busuttil (K.I. Nru. 307149M), Alfreda mart Joseph Mary Aquilina (K.I. Nru. 168254M) u John Busuttil (K.I. Nru. 156361M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Francis Busuttil ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent u l-intimati Mary, Michael, Alfreda u John huma lkoll ahwa Busuttil u ulied id-defunti Salvatore u Lorenza Busuttil;

2. Illi l-imsemmija Lorenza Busuttil giet nieqsa nhar l-1 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (01/01/2008) u dan kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha anness (Dok. A);

3. Illi mis-soliti ricerki testamentarji fl-Indici tar-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok. B) u fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja (Dok. C), jirrizulta illi d-defunta Lorenza Busuttil ghamlet l-ahhar testment taghha *unica charta* fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona, datat it-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (22/10/2007) fejn innominat lill-intimati bhala werrieta taghha filwaqt li halliet il-*legittima portio* lill-esponent (kopja tat-testment hawn anness u mmarkat Dok. D);

4. Illi jirrizulta illi minkejja li l-intimat gew diversi drabi interpellati, anke ufficjalment permezz ta' ittra ufficjali bin-numru ta' registrazzjoni 750/2017 sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat favur l-esponent mill-wirt tal-omm Lorenza Busuttil, l-intimati baqghu inadempjenti;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandix, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent huwa intitolat illi jircievi mill-intimati is-sehem rizervat provenjenti mill-eredita′ tad-defunta Lorenza Busuttil li giet nieqsa nhar l-1 ta′ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (01/01/2008) u konsegwentement;

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunti Salvatore u Lorenza konjugi Busuttil billi jigi dikjarat li jikkonsisti f′dawk il-beni mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt il-kors tal-kawza;

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f′zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Busuttil;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta′ Lorenza Busuttil billi jigu dikjarati jikkonsistu f′nofs il-komunjoni ta′ l-akkwisti hekk likwidata u l-gid l-iehor parafernali taghha kif rizultanti waqt il-kors tal-kawza;

5. Tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-esponenti fuq il-wirt ta′ Lorenza Busuttil;

6. Tordna lill-intimati jhallsu lill-esponent dan is-sehem rizervat hekk likwidat, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunt in subizzjoni, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 750/2017 tal-24 ta′ Frar 2017.′.

Rat illi l-intimati ma pprezentawx risposta u fil-verbal tas-6 ta' Novembru, 2018 a fol. 27 tal-process il-Qorti ddikjarat lill-intimati Mary Azzopardi et bhala kontumaci.

Rat ix-xiehda, affidavit, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testment, rapport peritali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Novembru, 2018 Dr Andrew Sciberras iccara li m'ghandux ikun hemm konnessjoni mal-kawzi Cit nru: 1041/17 u Cit nru: 1090/17 billi l-kawzali tal-kawza odjerna huma differenti;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Jannar, 2019 Dr Andrew Sciberras iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li din il-kawza tinstema' flimkien mal-kawza numru 13 (Cit Nru: 1041/2017/LSO) u Numru: 16 (Cit Nru: 1090/2017/LSO) in kwantu l-kawza odjerna tolqot il-wirt ta' Lorenza Busuttil biss. Ghaldaqstant il-provi rigwardanti l-assi ereditarji ta' Lorenza Busuttil u l-valutazzjoni taghhom ghandhom japplikaw ghat-tliet (3) kawzi;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Mejju, 2019 Dr Andrew Sciberras ghar-rikorrenti ddikjara li fl-affidavit ipprezentat illum tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti qed jiddikjara li jaqbel mal-istejjem tal-Perit Lino Cachia, li jinsab a fol. 42 sa fol. 51 fl-atti tal-kawza Cit nru: 1041/17;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Ottubru, 2019 il-partijiet qablu li sabiex ikun jista' isir l-att korrettorju tal-*causa mortis* ghandu jaccedi fil-fond u cioe' fil-garaxxijiet il-Perit maqbul bejniethom Lino Cachia;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Lulju, 2020 gie vverbalizzat li fl-atti tan-kawza 1041/17 giet ipprezentata nota tal-attrici kontenenti korrezzjoni tad-dikjarazzjoni *causa mortis* maghmul fil-5 ta' Marzu, 2020 quddiem in-Nutar Alexia Sciberras Trigona liema korrezzjoni kienet mehtiega fil-kawzi kollha msemmija li mexjin flimkien;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Lulju, 2021 il-partijiet irrilevaw illi ai fini ta' din il-kawza, fil-verbal tal-10 ta' Mejju, 2019 kien hemm qbil li bhala valur tal-proprjeta' immobbli jittiehed ir-rapport tal-Perit Lino Cachia esebit fl-atti tal-kawza 1041/17 a fol. 42 sa fol. 51;

Rat illi fil-verbal datat 1 ta' Lulju, il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti esebita fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti:</u>**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent Francis Buttigieg, ħu l-intimati Mary Azzopardi et, qieghed jitlob il-porzjon riservat spettanti lilu mill-wirt u successjoni ta' ommu Lorenza Busuttil li giet nieqsa nhar l-1 ta' Jannar, 2008 (ara certifikat tal-mewt a fol. 5 tal-process).

Mir-ricerki testamentarji kemm pubblici, kif ukoll sigrieti, ipprezentati fl-atti a fol. 6 *et seq* tal-process jirrizulta li l-mejta Lorenza Busuttil irregolat il-wirt u successjoni taghha b'testment

*unica charta* tat-22 ta' Ottubru, 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona (ara testment a fol. 18 *et seq* tal-process).

Bl-imsemmi testment il-mejta Lorenza Busuttil halliet b'titolu ta' legat lil zewgha tal-beni taghha kollha waqt li ezentatu minn kull obbligu ta' prestazzjoni ta' kawteli solitament rikjesti mill-ligi mill-uzufruttwarji inkluz l-obbligu tal-inventarju. It-testatrici halliet ukoll b'titolu ta' legat lil uliedha John u Michael indivizament flimkien kull sehem li ghandha mill-inkwilinat tal-fond bin-numru 6 Main Gate Approach, Vittoriosa, filwaqt li halliet lil binha John wahdu in pjen proprjeta' l-fond numru 36 fi Xatt il-Kalkara, Kalkara u lil binha Michael wahdu l-fond 42 fi Watermill Street, Kalkara. Sussegwentament ghaddiet sabiex innominat bhala werrieta universali u padruni assoluti tal-gid kollu taghha fi kwoti ndaqs bejniethom lil uliedha Mary mart Tony Azzopardi, Michael, Alfrida mart Joe Aquilina, u John ahwa Busuttil. Bl-imsemmi testment ukoll l-mejta Lorenza Busuttil halliet lir-rikorrenti Francis Busuttil u lil binha iehor Joe Busuttil il-*legittima portio* skont il-ligi.

L-intimati Mary Azzopardi et ghamlu d-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-mejta ommhom Lorenza Busuttil permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Gunju, 2008 fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona (ara dikjarazzjoni *causa mortis* a fol. 23 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 1090/2017JVC) fejn permezz taghha ddikjaraw l-immobbli proprjeta' taghha. Sussegwentement saret korrezzjoni fl-imsemmija dikjarazzjoni *causa mortis* permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Marzu, 2020 fl-atti tan-Nutar Alexia Sceberras Trigona u dana stante li zewg proprjetajiet tal-mejta Lorenza Busuttil konsistenti f'zewg garaxxijiet gew indikati bhala proprjeta' wahda indikata bhala kantina (ara dikjarazzjoni *causa*

*mortis* a fol. 72 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat 1041/2017JVC).

Ir-rikorrent Francis Busuttil jispjega li hu ma kienx ipproceda bil-kawza ghall-porzjon riservat peress li missieru Salvatore Busuttil kien ghadu haj u ma riedx li johloqlu dwejjeq u ansjeta', ghalkemm zied jghid li kien inghata parir sabiex ma jhallix ghaxar (10) snin jghaddu. Kien ghalhekk li fil-21 ta' Frar, 2017 kien bghat ittra legali lil hutu (ara ittra legali a fol. 35 u fol. 36 tal-process), u fl-24 ta' Frar, 2017 prosegwa billi bghat ittra ufficjali fejn permezz taghha talab lil hutu sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat bl-imghaxijiet legali (ara ittra ufficjali a fol. 37 tal-process). Wara li hadd minn hutu ma ghamel dak mitlub, ir-rikorrenti ma kellux ghazla ohra u kien ghalhekk li ntavola l-kawza odjerna.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Lorenza Busuttil u hlas tas-sehem riservat lil Francis Busuttil:</u>**

Illi kif gja nghad aktar il' fuq Lorenza Busuttil giet nieqsa nhar l-1 ta' Jannar tas-sena 2008 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

‘Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni....

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata’ d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa’ għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b’donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Civili jingħad li din il-proprjetà “shall be fictitiously added” meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B’hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta’ dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta’ jiddisponi’.

**Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta’ Lorenza Busuttil mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**(i) Immobbli li jirrizultaw mid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 27 ta’ Gunju, 2008 fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona u mill-korrezzjoni tad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-5 ta’ Marzu, 2020 fl-atti tan-Nutar Alexia Sciberras Trigona:**

1. Nofs indiviz tal-fond bin-numru 36 f’Marina Street, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta’ €100,000;

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f’mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta’ meta saret id-donazzjoni.

2. Nofs indiviz tal-fond bin-numru 40, Salvlor House, fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €77,500.00;

3. Nofs indiviz tal-fond ossia garage bin-numru 1 fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €30,000;

4. Nofs indiviz tal-fond ossia garage bin-numru 2 fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €58,250;

5. Nofs indiviz tal-fond ossia garaxx bin-numru 42 fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €55,000.

Il-Qorti rat li fil-verbal tal-10 ta' Mejju, 2019, kif ukoll fl-affidavit tar-rikorrent Francis Busuttil, gie dikjarat li r-rikorrent jaqbel mal-istejjem tal-Perit Lino Cachia fir-rapport tieghu li jinsab a fol. 42 sa fol. 51 fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru: 1041/17 liema stejjem saru ghan-nom tal-intimati kontumaci fir-rikors odjern. Il-Qorti rat ukoll li ghalkemm l-intimati kellhom l-opportunita' li jintavolaw nota ta' sottomissjonijiet fil-proceduri odjerni dawn naqsu li jaghmlu dan u ghalhekk l-Qorti tqis li ghandha toqghod fuq il-valuri kif indikati fir-rapport tal-Perit Lino Cachia. Ghaldaqstant il-valur totali li fuqu ser tigi kkalkolata l-porzjon riservat fuq l-immobbli huwa dak ta tlett mija u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin Euro  (€320,750).

**(ii) Flus il-bank u nvestimenti li rrizultaw mid-deposizzjoni ta' Johanna Bartolo – rapprezentanta ta' Bank of Valletta plc (a fol. 149 *et seq* tal-process), Lorraine Attard – rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc (a fol. 151 *et seq* tal-process), u, Miriam**

**Azzopardi – rapprezentanta tal-Borza ta' Malta (a fol. 158 *et seq* tal-process):**

Kontijiet bankarji f'isem Lorenza Busuttil:

6. Term deposit account bin-numru 40014752870 fl-ammont ta' €3,494.06 (ara statement a fol. 53 *et seq* tal-process);

7. Savings account bin-numru 40014752883 fl-ammont ta' €1427.49 (ara statement a fol. 57 *et seq* tal-process);

Kontijiet bankarji f'isem Salvatore Busuttil:

8. Savings account bin-numru 16501770014 fl-ammont ta' €1,779.43 (ara statement a fol. 61 *et seq* tal-process);

9. Savings account bin-numru 16501770069 fl-ammont ta' £1,352.72 (ara statement a fol. 68 *et seq* tal-process). Il-Qorti ghamlet konverzjoni tal-ammont misjub f'dan il-kont minn Sterlini ghal Euro fejn jirrizulta li l-ammont jekwivali ghal dak ta' €1,598. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ma jirrizultax li r-rikorrent Francis Buttigieg qaghad jaghmel konverzjoni tal-flus u ghalhekk il-Qorti ser tiehu l-ammont ta' £1,352.72 bhala dak ta' €1,352.72 u dan sabiex jigu evitati problemi ta' konverzjoni, aktar u aktar ikkunsidrat li m'hemmx wisq differenza fl-ammont;

10. Call account bin-numru 40015535407 fl-ammont ta' €373.41 (ara statement a fol. 77 *et seq* tal-process);

11. Term deposit account bin-numru 40015535423 fl-ammont ta' €6,988.12 (ara statement a fol. 83 *et seq* tal-process);

12. Multi asset class deposit bin-numru 40015578053 fl-ammont ta' €6,000 (ara statement a fol. 86 *et seq* tal-process);

13. Term deposit account bin-numru 40015804497 fl-ammont ta' €3,494.06 (ara statement a fol. 88 *et seq* tal-process);

14. Savings account bin-numru 040005159050 fl-ammont ta' €1,663.34 (ara statement a fol. 90 *et seq* tal-process);

15. Term deposit account bin-numru 040005159102 fl-ammont ta' €3494.06 (ara statement a fol. 100 *et seq* tal-process);

16. Term deposit account bin-numru 040005159101 fl-ammont ta' €6041.81 (ara statement a fol. 113 *et seq* tal-process);

17. Term deposit account bin-numru 040005159100 fl-ammont ta' €9317.49 (ara statement a fol. 126 *et seq* tal-process);

18. Term deposit account bin-numru 040005159103 fl-ammont ta' €4,658.75 (ara statement a fol. 138 *et seq* tal-process);

19. Titolu 4.8% Malta Government Stock 2016 (II) fl-ammont ta' €4,659 (ara statement a fol. 148 tal-process);

20. Titolu 5% Malta Government Stock 2021 fl-ammont ta' €13,977 (ara statement a fol. 148 tal-process);

21. Titolu 5.5% Malta Government Stock 2023 fl-ammont ta' €4,659 (ara statement a fol. 148 tal-process);

23. Titolu 6.35% Malta Government Stock 2013(II) fl-ammont ta' €4,659 (ara statement a fol. 148 tal-process);

24. Titolu 6.4% Gasan Finance Plc Bonds 2008-2011 fl-ammont ta' €466 (ara statement a fol. 148 tal-process);

25. Titolu Bank of Valletta Plc Ordinary Shares fl-ammont ta' €360 (ara statement a fol. 148 tal-process).

Total ta' €78,864.74 diviz fi 2 sabiex l-ammont ikun jirrapprezenta sehem il-mejta Lorenza Busuttil huwa ta' disa' u tletin elf, erba' mija u tnejn u tletin Euro u sebgha u tletin centezmu (€39,432.37).

**Kalkolazzjoni u Hlas tal-Legittima:**

| | |
|---|---|
| 1. Immobbli - | €320,750 |
| 2. Flus u investimenti - | €39,432.37 |
| **Total -** | **€360,182.37** |

**Sehem ir-rikorrent Francis Buttigieg bhala porzjon riservat (1/12) jammonta ghal tletin elf u hmistax-il Euro u ghoxrin centezmu (€30,015.20).**

**Imghax:**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent Francis Buttigieg fil-paragrafu bin-numru 6 jindika li billi t-talba ghas-sehem riservat saret wara l-perijodu ta' sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu min-notifika tal-ittra ufficjali. Jindika li fil-kaz ta' l-intimati kollha ghajr ghal Mary Azzopardi kien fit-3 ta' Marzu, 2017 u fil-kaz ta' Mary Azzopardi kien fl-24 ta' Marzu, 2017. Ir-rikorrent ndika li sabiex ma jikkumplikawx l-affarijiet huwa kien jaqbel li d-data tal-bidu tal-imghax tkun dik ta' l-1 ta' April, 2017.

Illi s-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili. Is-sub-artikolu 2 jaqra kif isegwi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

Il-Qorti rat li kopja tal-ittra ufficjali kif ukoll tan-notifiki gietipprezentata fl-atti mir-rikorrenti a fol. 37 tal-process u jirrizulta li huwa minnu li l-intimati gew notifikati fit-3 ta' Marzu, 2017 ghajr ghal Mary Azzopardi li giet notifikata fl-24 ta' Marzu, 2017. Gialadarba r-rikorrent innifsu ssuggerixxa li l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mill-1 ta' April, 2017 mhux ser tkun din il-Qorti li tikkumplika l-affarijiet u ghalhekk ser tghaddi sabiex tistabbilixxi d-data ta' l-1 ta' April, 2017 bhala dik id-data li

minnhom ghandhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent huwa ntitolat li jircievi mill-intimati s-sehem rizervat provenjenti mill-eredita' tad-defunta ommu Lorenza Busuttil li giet nieqsa nhar l-1 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (01/01/2008) u konsegwentement;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunti Salvatore u Lorenza konjugi Busuttil billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li gew indikati aktar 'il fuq f'din id-decizjoni taht is-sezzjoni '*Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:*';

3. Tilqa' t-tielet talba u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Busuttil bl-assi tal-mejta Lorenza Busuttil ikunu dawk indikati taht is-sezzjoni '*Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:*';

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Lorenza Busuttil billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata bl-assi tal-mejta Lorenza Busuttil ikunu dawk indikati aktar 'il fuq taht is-sezzjoni '*Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:*';

5. Tilqa' l-hames talba u tillikwida s-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti fuq il-wirt ta' Lorenza Busuttil fl-ammont ta' tletin elf u hmistax-il ewro u ghoxrin centezmu (€30,015.20);

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent dan is-sehem rizervat hekk likwidat fis-somma ta' tletin elf u hmistax-il ewro u ghoxrin centezmu (€30,015.20), flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess mid-data tal-1 ta' April, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**25 ta' Novembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Novembru, 2021**